# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

**ONOR. IMĦALLEF**
**ROBERT G. MANGION**

**ILLUM 26 TA' NOVEMBRU, 2020**

**Kawza Numru: 9**

**Rik. Gur. 153/2020 RGM**

**Electrical Supplies & Services Limited**
**C-27813)**

**vs.**

**Automation Technologies Limited**
**(C 37558)**

## Il-Qorti:

Rat ir-**rikors guramentat tas-socjeta` Electrical Supplies & Services Limited** prezentat fl-20 ta' Frar, 2020 li permezz tieghu ippremettiet u talbet is-segwenti:

Illi l-kumpanija intimata xtrat u akkwistat minghand il-kumpanija rikorrenti diversi merkanzija;

Illi l-kumpanija intimata llum tinsab debitrici lejn il-kumpanija rikorrenti fis-somma €18,266.09 (tmintax -il elf mitejn u sitta u sittin Ewro disa centezmi) rapprezentanti bilanc ta' prezz tal-merkanzija mibjugha u konsenjata lill-kumpanija intimata;

Illi, l-kumpanija intimata nonostante li giet interpellata diversi drabi sabiex thallas dan id-debitu baqghed inadempjenti;

Illi dan id-debitu huwa cert, likwidu u dovut u fil-fehma tas-socjeta` rikorrenti l-kumpanija intimata ma ghandha ebda eccezzjoni xi tressaq ghall-hlas ta' dan id-debitu;

Ghaldaqstant tghid il-kumpanija intimata ghaliex din l-Onorabbli Qorti ma ghandiex:

1. tipprocedi ghas-sentenza skond it-talba tal-istanti bid-dispenza tas-smiegh tal-kawza ai termini tal-artikoli 167 sa 170 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. tikkundanna lill-kumpanija intimata thallas lis-socjeta` rikorrenti s-somma ta' €18,266.09) (tmintax -il elf mitejn u sitta u sittin Ewro u disa centezmi) rapprezentanti bilanc ta' prezz tal-merkanzija mibjugha u konsenjata lill-kumpanija intimata, bl-imghaxijiet ulterjuri skond l-ghola rata permessibbli mill-Kapitolu 13 tal-Ligijiet ta' Malta sad-data tal-pagament effettiv;

Bl-ispejjez, inkluzi tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju prezentati kontestwalment, kontra l-kumpanija intimat li hija minn issa ingunta in subizzjoni.

Rat illi s-socjeta' konvenuta debitament notifikata bl-affissjoni u pubblikazzjoni, wara tentativi bla success ghal notifika bil-mezz ordinarju, baqghet ma pprezentatx risposta guramentata;

Semghat it-testimonjanza ta' Dominic Mifsud prodott mis-socjeta' attrici fl-udjenza tal-14 ta' Ottubru 2020;

Rat l-atti;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza;

Ikkonsidrat;

Il-kawza odjerna hija azzjoni ghall-kanonizzazzjoni ta' kreditu dovut mis-socjeta' konvenuta lis-socjeta' attrici;

Ix-xhud Dominic Mifsud ipprezenta prospett dettaljat (Dok. DM1) minn fejn jirrizulta illi s-socjeta' konvenuta kienet tixtri merkanzija minghand is-socjeta' attrici bi kreditu. Mill-istess dokument, ikkonfermat bil-gurament tieghu Dominic Mifsud, jirrizulta li l-ahhar zewg pagamenti akkont effettwati mis-socjeta' konvenuta sehhew fit-12 ta' Marzu 2019 u fit-2 ta' Mejju 2019 rispettivament u li l-bilanc attwalment dovut mis-socjeta' konvenuta lis-socjeta' attrici huwa dak reklamat €18, 266.0.

Il-Qorti ghalhekk tikkonsidra illi l-pretensjoni tas-socjeta' attrici giet sodisfacentement ippruvata inkluz l-imghax bi tmienja fil-mija mit-2 ta' Mejju 2019, id-data tal-ahhar pagament effettwat mis-socjeta' konvenuta.

**Decide**.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi fil-kontumacja tas-socjeta' konvenuta:

1. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel talba stante li l-mertu ezawrit.

2. Tilqa' t-tieni talba, tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' tmintax-il elf, mitejn u sitta u sittin Ewro u disa centezmi (€18,266.09) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata mis-socjeta' attrici lis-socjeta' konvenuta.

Bl-imghax legali mit-2 ta' Mejju 2019 sad-data tal-effettiv pagament u bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju pprezentat kontestwalment mal-kawza.

**Onor. Robert G. Mangion**
**Imhallef**
26 ta' Novembru 2020

**Lydia Ellul**
**Deputat Registratur**